**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU SITTA U TLETIN**

Il-Kunsill Lokali Isla Itaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar it-Tlieta 17 ta' April 2007 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti nru. 35
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Rapport Amministrattiv
4. Rapporti Finanzjarji
5. Rizoluzzjonijiet
6. Talba sabiex jsir loghob tan-nar mill-Ponta.

**Sospensjoni ta' proceduri ta' laqghat tal-Kunsill**

Is-Sindku Joseph Casha ippropona sospensjoni tal-proceduri tal-laqgha tal-Kunsill Lokali biex item 6 jigi diskuss minnufih hekk kif jkun wasal rapprezentant tan-Nexos. Minn naha tal-pulizija kien hemm prezenti is-supretendent tad-distrett.

**36 (1) Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 35**

Fuq talba tal-Vici Sindku Walter Ahar, il-minuti inqraw mis-Sindku Joseph Casha.

36 (1) 1 Korrezzjoni Pagna 6 Minuta 35 (6) 2

L-ahhar paragrafu ghandu jitnehha ghal kollox.

36 (1) 2

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva il-minuti hekk kif gew emendati.

Billi ir-rapprezentant tan-Nexos/Where's Everybody kien wasal il-Kunsill beda jiddiskuti item 36.6. Il-hin kien 7.05pm.

**36 (6) Talba sabiex jsir loghob tan-nar fil-Ponta.**

Il-Kunsill irrisolva ruhu f'kumitat ta' diskussjoni biex issir evaluazzjoni ghat-talba tal-kumpanija Where's Everybody biex isir loghob tan-nar fuq il-bahar quddiem il-ponta ta' l-Isla bhala parti mill-festival tal-loghob tan-nar.

Is-Sindku Joseph Casha qara il-minuti tal-laqgha li nzammet nhar it-Tnejn 16 ta' April, il-gurnata ta' qabel. Din il-laqgha saret fil-prezenza ta' l-Assistent Kummisarju tal-Pulizija Alfred Abela, is-supretendent tad-distrett Ray d'Anastas, Silvio mill-kumpanija Nexos u is-Sindku Joseph Casha.

Minn naha tan-Nexos kien hemm oggezzjoni dwar kif gew miktuba il-minuti specjalment f'dak li kien qed jirreferi x'qal l-Assistent Kummissarju. Minhabba f'hekk il-minuti gew irtirati biex qabel dawn jintbaghtu lil-Assistent Kummisarju biex jkunu interpretati bhala korretti.

Saret diskussjoni fit-tul. Il-Kunsill baqgha jinsisti li il-barkun li sejjer jintuza' ghal loghob tan-nar irid ikun 200 metru boghod mill-ewwel bini abitat.

Ma ttiehdet l-ebda decizjoni u sar qbil li issir laqgha ohra.

Is-supretendent kellhu jinforma lil Assistent Kummissarju bl-andament tad-diskussjoni u gie suggerit li ssir laqgha ohra.

Il-Kunsill baqgha jinsisti li huwa ma kienx sejjer jghati il-kunsens tieghu sakemm ma jigix assigurat li hemm 200 metru sa l-ewwel abitazzjoni fil-Ponta. Kieku il-Kunsill kellhu jaccetta kif kien qed jigi propost li jsir, dan kien ifisser li minn Gnien il-Gardjola sa Triq il-Grigal jinghalqu ghal pubbliku il-hin li jkun qed isir il-hruq tan-nar.

Is-Sindku Joseph Casha kellhu jibghat ittra dwar dan lil-Assistent Kummisarju Alfred Abela.

Il-Kunsilliera Charmaine Gerada harget mill-laqgha tal-Kunsill fis-7.25pm qabel gie prezentat l-item li kien imiss fuq l-Agenda.

**36 (3) Rapport Amministrattiv 2006/2007**

Is-Sindku Joseph Casha qara ir-rapport amministrattiv ghas-sena 2006/2007 u fethu ghad-diskussjoni. Ma kienx hemm kummenti.

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva ir-rapport amministrattiv 2006/2007. Dan ir-rapport sejjer jitressaq fil-laqgha pubblika annwali tal-lokal.

**36 (4) Rapport Finanzi 2006/2007**

L-accountant tal-Kunsill ipprezentat il-balance sheet u ir-rapport finanzjarju. Dan gie mfisser lil-Kunsilliera prezenti kif wkoll gew imwiegba il-mistoqsijiet imressqa dwar dan ir-rapport.

Il-Kunsill fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, approva dan ir-rapport finanzjarju kif gie prezentat.

Dan ir-rapport sejjer jitressaq ghal-laqgha pubblika.

Fid-9.30pm il-Kunsill aggorna it-tkomplija tal-laqgha ghal gurnata ohra li tithabbar aktar il-quddiem. Dan biex tkompli id-diskussjoni tal-kumplament ta' l-agenda.

**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU SITTA U TLETIN**

Il-Kunsill Lokali Isla Itaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar il-Gimgha 4 ta' Mejju 2007 fis-6.30pm

Tkomplija tal-laqgha nru. 36 li kellha il-bidu taghha nhar it-Tlieta 17 ta' April 2007

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skuzati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

Tkomplija ta' l-Agenda (tas-17 ta' April 2007)

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni
3. Rapport Amministrattiv
4. Rapport Finanzjarju
5. Rizoluzzjonijiet
6. Talba sabiex jsir loghob tan-nar mill-Ponta.

Items (1) u (6) diga gew diskussi mill-Kunsill fil-laqgha tal-Kunsill li nzammet fis-17 ta' April 2007

Is-Sindku Joseph Casha informa lil Kunsill li ghajjat din il-laqgha b'urgenza minhabba li kien hemm bzonn l-approvazzjoni tal-Kunsill ghal finanzjament ta' l-attivitajiet li il-Kunsill kien sejjer itella' fil-granet ta' tifkira ta' Jum l-Isla.

Ghaldaqstant il-Kunsill beda jiddiskuti item 5 ta' l-agenda – Approvazzjoni ta' Rizoluzzjonijiet.

**36 (6) Rizoluzzjonijiet**

Il-Kunsill kellhu zewg rizoluzzjonijiet ghad-diskussjoni u l-approvazzjoni tieghu.

36 (6)1 Finanzjament ghall-attivitajiet ta' Jum l-Isla.

Minhabba li din is-sena tahbat il-50 sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokjali, il-Kunsill xtaq iffakkar Jum l-Isla b'mod differenti billi jtella attivitajiet socjali, kulturali, u socjali.

Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood approva din ir-rizoluzzjoni biex il-Kunsill jissusidja l-attivitajiet li sejjrin jitellghu ghal Jum l-Isla b'ammont ta' Lm1200 (kopja mehmuza)

Il-Kunsill approva din ir-rizoluzzjoni nem com.

36 (6) 2 Approvazzjoni ta' xogholijiet u xiri ta' makkinarju

Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva xogholijiet u xiri ta' welding set ghal ammont totali ta' Lm820 (kopja mehmuza)

Il-Kunsill approva din ir-rizoluzzjoni nem com.

36 (6) 3 Talbiet ghal uzu tas-Sala tal-Kunsill u ta' Gnien il-Gardjola

a. Talba mill-Kunsillier Charmaine Gerada (04/0955/07/I) sabiex taghmel uzu minn Gnien il-Gardjola nhar is-Sibt 7 ta' Lulju 2007 biex issir ikla ghal madwar 60 barrani mill-pajjizi ta' l-Unjoni Ewropea.

   Il-Kunsill approva din it-talba u qabel li il-hlas ghal din l-okkazzjoni jkun ta' Lm150 minflok Lm200.

b. Talba minn Marisa Scerri, Direttur (Policy Development and Programme Implementation fil-Ministeru ghal Familja u

Solidarjeta' Socjali) biex fit-12 ta' Gunju 2007 issir attivita' b'aspetti ta' ospitalita' fuq progett ta' l-Access dwar servizz ghat-tfal u il-familji (04/0925/07/I)

Il-Kunsill approva din it-talba u qabel li minhabba l-importanza ta' din l-attivita' li ghanda aspett socjali, il-Kunsill qabel li il-hlas jkun ta' Lm150 flok Lm200.

c. Il-Kunsill kellhu tlett talbiet minn individwi separati biex dawn juzaw is-sala ghal attivitajiet privati bhal ma huma birthday party u precett. Il-Kunsill approva dawn it-tlett talbiet. (04/0915/07/I, 04/0967/07/I, 04/1063/07/I)

Fis-6.30pm il-Kunsill aggorna it-tkomplija tal-laqgha ghal nhar l-Erbgha 9 ta' Mejju 2007 fis-6.30pm.

**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU SITTA U TLETIN**

Il-Kunsill Lokali Isla Itaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar l-Erbgha 9 ta' Mejju 2007 fis-6.00pm

Tkomplija tal-laqgha nru. 36 li kellha il-bidu taghha nhar it-Tlieta 17 ta' April 2007

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skuzati : | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Ezekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

Tkomplija ta' l-Agenda (tas-17 ta' April 2007)

7. Approvazzjoni tal-Minuti
8. Komunikazzjoni
9. Rapport Amministrattiv
10. Rapport Finanzjarju
11. Rizoluzzjonijiet
12. Talba sabiex jsir loghob tan-nar mill-Ponta.

Din hija it-tielet parti tal-laqgha tal-Kunsill li bdiet nhar il-Erbgha 17 ta' April 2007

L-items fuq l-agenda li kien baqa' ghal din il-laqa tal-Kunsill huma :

36 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku.

36 (7) Hlas ta' Pagamenti

**36 (2) Komunikazzjoni mis-Sindku**

2 (1) EU Peer 3 ta' April 2007

Saret laqgha ma Marisa Scerri bil-hsieb li jittella seminar fit-12 ta' Gunju 2007, dwar servizz li jistghu jinghataw it-tfal u il-familji. Hemm il-hsieb li jiehdu sehem 30 partecipant minn barra minn Malta.

2 (2) Gnien il-Gardjola (Dawl) 3 ta' April 2007

Saret laqgha ma l-enemalta dwar l-applikazzjoni ghal three phase fi Gnien il-Gardjola kif wkoll mal-kuntratturi li huma interessati li jahdmu dan ix-xoghol.

2 (3) Global Capital Investments 4 ta' April 2007

Saret laqgha mas-sinjorina Lorna Pace (Global Capital) dwar kif dawn jistghu jghinu finanzjarjament l-attivitajiet ta' Jum l-Isla kif mtella' mill-Kunsill. Huma offrew li jghinu bi sponsorship ta' madwar Lm100 u li jkunu prezenti biex jitkellmu mar-residenti.

2 (4) 5 ta' April 2007

Laqgha ma Sara Falconi dwar it-tieg taghhom fis-27 ta' Lulju 2007. Gie diskuss dak li jixtiequ li jsir fil-Gardjola.

2 (5) 7 ta' April 2007

Is-Sindku Joseph Casha gie infurmat mill-Vici Sindku Walter Ahar li fl-imhazen tal-Macina hemm in-nies qeghdin inaddfu. Jidher li dawn haduhom il-klabb tar-regatta Birzebbuga. Il-Vici Sindku talab lis-Sindku biex isir intervent mill-aktar fis. Insista mieghu biex issir petizzjoni madwar l-Isla. Is-sindku sostna li jrid jiccekkja jekk hux kontra il-ligi jekk jiehu din l-inizjattiva il-Kunsill.

Ghalkemm is-Sindku kien qed jaqbel fil-principju mal-Vici Sindku, huwa stqarr li qabel tittiehed azzjoni jkun ahjar li jkun maghruf sewwa minn ha dawn l-imhazen.

2 (6) <u>10 ta' April 2007</u>

Saret laqgha ma l-avukat tal-Kunsill dwar dak li qieghed jigri bl-imhazen tal-Macina. Il-Kunsill ha parir dwar il-hsieb li ssir petizzjoni. Huwa kien tal-parir li dawn jitressqu mill-Kunsill.

2 (7) Laqha fil-Kunsill Lokali Zabbar dwar project ESF 2007.13. Dan huwa progett simili ta' FES b'differenza li biex isir irridu nohorgu 25% tal-finanzi ghal progett. Is-Sindku Joseph Casha infurmahom li ghalissa ma jistax jintrabat finanzjarjament b'mod specjali meta jidher li hawn nuqqas ta' interess mill-Kunsilli l-ohra.

2 (8) <u>16 ta' April</u>

Gejt infurmat mis-Supretendent Ray d'Anastas dwar loghob tan-nar taht il-Ponta ta' l-Isla. Oggezzjonajt u tlabt li ssir laqgha ghand l-Assistent Kummissarju. Ma l-Assistent Kummissarju insistejt li il-Kunsill ma kienx gie ikkonsultat. Ghidtlu li qieghed nifhem li ha tinghalaq it-triq kif indikat, il-braken sa jkunu vicin ir-residenti u ghalhekk ahna noggezzjonaw.

Iffisser ukoll li il-klabb tar-Regatta irrid jinghalaq u dan b'liema dritt ic-cittadini ma jistghux joqghodu hemm ghal kwiet. La hija attivita' nazzjonali kif qieghed jinghad, ir-residenti ghandhom kull dritt li jaraw dan il-loghob tan-nar.

Barra dan kollhu zgur li ma hemmx il-200 metru li titlob il-ligi.

Inzomm id-dritt li jekk johrog il-permess mill-pulizija naghmel protest fil-Qorti.

**36 (2) 9 Korrispondenza li waslet u intbaghatet mill-Kunsill.**

| | |
|---|---|
| 04/0809/07/I | Atlas Insurance – Progett ghar-responsabbilita' Socjali u Ambjent.<br><br>Il-Kunsill lest li jaghti l-appogg tieghu f'din l-inizjattiva fil-lokal ta' l-Isla. |
| | |
| 04/0853/07/I | Hlasijiet ta' servizz ta' taxi mill-Kunsill.<br><br>Talba mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill jghati tifsira ta' dan. Il-Kunsill sejjer jigbor it-taghrif mehtieg u jintbaghat. |
| | |
| 04/0860/07/I | Uzu ta' ufficini tal-Kunsill<br><br>Il-Kunsill diga' wiegeb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghat-taghrif mitlub minnhu. |

| | |
|---|---|
| 04/0895/07/I | Quarterly Financial Report Ottubru – Dicembru 2006/2007<br><br>Il-Kunsill diga baghat dan ir-rapport kif mitlub. |
| | |
| 04/0909/07/I | Assocjazzjoni Maltija ghal Business Women.<br><br>Biex tintbaghat il-formola tan-nomina ta' Josephine Bezzina mill-Kunsill. Din sejra tintbaghat. |
| | |
| 04/0928/07/I | Ufficcju tal-Prim Ministru<br><br>Informa lil Kunsill li rcieva l-ittra tal-Kunsill indirrizzata lil Prim Ministru u datata 10 ta' April 2007 |
| | |
| 04/0933/07/I | Talba ghal bollard<br><br>Resident talab li jsir bollard mal-kantuniera tar-residenza tieghu minhabba sewqan traskurat ta' certi individwi. Il-Kunsill approva li din il-bollard issir ghax dak li stqarr ir-resident huwa minnhu. |
| | |
| 04/0950/07/I | Tindif ta' bitha mitluqa u zdingata<br><br>Id-dipartiment tas-sahha informa lil Kunsill li wara li ivverifika l-ilment tal-Kunsill, id-dipartiment ma jistax jiehu passi ghax din l-art hija private izda hadd ma jaf ta' min hija l-anqas ir-resident li ghamel l-ilment. |
| | |
| 04/0957/07/I | Avec<br><br>Il-Kunsill gie infurmat bin-newsletter 'Galleries of European Cultural Cities' li harget l-Avec. Fiha giet msemmija il-partecipazzjoni ta' l-Isla fl-Avec. |
| | |
| 04/0958/07/I | HMS Illustrious<br><br>Il-Kunsill ircieva ittra mill-Kaptan TR Fraser Royal Navy li issa hu il-kap kmandant ta' l-Illustrious u hu li ha post Commander Bob Cooling li kien il-kap kmandant ta' qablu.<br><br>Huwa awgura l-istess relazzjoni reciproka li hemm bejn l-Isla u l-HMS Illustrious u qed jittama li ghall-ahhar ta' din is-sena l-HMS Illustrious terga izzur it-tlett ibliet. |
| | |
| 04/0983/07/I | Talba ghal Reserved Parking<br><br>Minhabba li dan il-kaz huwa genwin u ghalkemm ghadu qed jistenna l-approvazzjoni mill-ADT, il-Kunsill approva it-talba ta' din ir-residenta u bi hsiebu jaghmila kif mitlub minnha. |
| | |
| 04/0992/07/I | Ringrazzjamenti minn zewg barranin residenti fl-Isla. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sur Andrew Gilmore u Ron Sterk, residenti fl-Isla irringrazzjaw lil Kunsill ghall-attivitajiet li wettaq fl-okkazzjoni ta' Jum l-Isla u ghall-programm bl-Ingliz li il-Kunsill hareg. Apprezzaw hafna dan il-gest u il-hidma tal-Kunsill. |
| | |
| 04/1004/07/I | Stedina ghal Seminar Equal Opportunities, The Way Found (23 ta' Mejju 2007<br><br>Is-Sindku stieden lil Kunsilliera biex min hu interessat jinfurmah biex jiehu sehem. Hemm cans sa l-14 ta' Mejju 2007 |
| | |
| 04/1033/07/I | Skema ta' sahha 2007/2008 (AKL)<br><br>Il-Kunsill qabel li jerga japprova din l-iskema ta' sahha ghas-Segretarju Ezekuttiv, Staff tal-Kunsill u Kunsilliera. Ghandha timtela il-formola. |
| | |
| 04/1041/07/I | Andrew Hamilton (Kummisjoni Gholja Ingliza)<br><br>Talab taghrif dwar l-immagini tal-coat of arms ta' l-Isla. Hu xtaq li jkollu il-coat of arms shiha ghax s'issa sab biss il-bicca tan-nofs.<br><br>Ghandu jigi ikkuntatjat bit-telefon |
| | |
| 04/1050/07/I | Pjazza Andrea Debono<br><br>Donna Micallef, EU officer Awtorita' tad-Djar, talbet lil Kunsill taghrif dwar l-embellishment ta' Pjazza Andrea Debono biex isir maghruf jekk dan l-embellishment jistax jifforma parti mill-fondi li qed jingiebu mill-EU biex il-progetti jsir fl-inhawi ta' din il-pjazzetta.<br><br>Il-Kunsill sejjer jibghat it-taghrif mehtieg. |
| | |
| 04/1061/07/I | Devoluzzjoni ta' l-Imhazen biswit il-Macina<br><br>Il-Kunsill gie nfurmat li l-Estate Management Department wara li evalwa it-talba tal-Kunsill, ma qabilx li dawn l-imhazen huma ideali ghal-uzu propost mill-Kunsill. Dawn l-imhazen ser jinhargu ghal-kiri bl-offerta fil-granet li gejjin.<br><br>Il-Kunsill qabel li din l-ittra tigi imwahhla fin-notice boards u kopja taghha tinbaghat lil ghaqdiet lokali kollha. Il-Kunsill sejjer jistharreg dwar il-passi li jista' jiehu. |
| | |
| | |

| | |
|---|---|
| 04/1059/07/I | Talba mis-Senglea Athletics ghal-uzu tal-Parking Area biswit il-Macina.<br><br>Il-Kunsill approva it-talba tas-Senglea Athletics biex issir attivita' fil-parking area biswit il-Macina nhar is-Sibt 12 ta' Mejju 2007. Pero il-Kunsill ma jistghax jipprovdi barriers tal-hadid ghax il-Kunsill m'ghandux. |

Il-laqgha tal-Kunsill ntemmet fis-7.45pm

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar

____________________
Joseph Casha
Sindku

____________________
Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv